16 ta' April, 1955

**Imħallef:**

**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Carmelo Pace

## Sentenza — Appell — Nullità

*F'każ ta' appell kriminali dwar żewġ imputazzjonijiet, meta tkun ġa ngħatat deċiżjoni dwar l-ewwel imputazzjoni, mhix ammissibbli eċċezzjoni fis-sens illi l-appell hu null dwar it-tieni imputazzjoni fuq il-motiv li fir-rikors tal-appell ma saretx espożizzjoni tal-fatti dwar it-tieni imputazzjoni. L-appell hu uniku; u jekk hu null, allura kien null għal kollox, sija għall-ewwel kemm għat-tieni imputazzjoni; u għalhekk dik l-eċċezzjoni ssib ostakolu insuparabbli fil-fatt li diġà ġiet trattata u deċiża biċċa mill-appell, li ma jistax ikun null u validu fl-istess ħin. Dik l-eċċezzjoni hi tardiva.*

*Similment, hi tardiva eċċezzjoni fis-sens li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla relattivament għat-tieni imputazzjoni fuq il-motiv illi l-Ewwel Qorti imissha tat żewġ pieni separati. Jekk is-sentenza hi nulla, kienet nulla "in toto", u mhix aktar ammissibbli l-impunjazzjoni tagħha wara li l-appell ġa ġie deċiż "in parte". Għax l-appell hu uniku.*

Il-Qorti;— Rat il-verbal fol. 26;

Rat is-sentenza "in parte" minnha profferita fil-5 ta' Marzu, 1955, fol. 22;

Trattati l-inċidenti msemmijin f'dak il-verbal;

Ikkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni tal-Prosekuzzjoni;

Din hi fis-sens li l-appell hu null għax fir-rikors ta' l-appell ma hemmx riassunt tal-fatti relattivament għat-tieni imputazzjoni:

Apparti l-meritu ta' din l-eċċezzjoni, ma hijiex ammissibbli wara li ġie deċiż "in parte" l-appell, ċjoè fuq l-ewwel imputazzjoni. L-appell hu uniku, u jekk hu null, allura kien null għal kollox, sija għall-ewwel kemm għat-tieni imputazzjoni; u għalhekk, issa l-eċċezzjoni tinkontra l-ostakolu insuperabbli li diġà ġiet trattata u deċiża biċċa mill-

appell, li ma jistgħax ikun null u validu fl-istess ħin. L-eċċezzjoni hi, għalhekk, tardiva;

Fuq l-eċċezzjoni tad-Difiża;

Din hi fis-sens, li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti relattivament għall-kap li baqa' għad-deċiżjoni, cjoè t-tieni imputazzjoni, hi nulla għax l-Ewwel Qorti imissha tat żewġ pieni separati;

Anki din l-eċċezzjoni hi tardiva. Jekk is-sentenza hi nulla, kienet nulla "in toto", u mhijiex aktar ammissibbli l-impunjazzjoni tagħha wara li l-appell ġa ġie deċiż "in parte", għax l-appell hu uniku;

Għalhekk iż-żewġ eċċezzjonijiet sollevati "hinc inde" ma humiex f'lokhom;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġihom;

L-appell jibqa' għall-prosekuzzjoni u konklużjoni tiegħu għas-7 ta' Mejju, 1955.